KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tnejn (2)

## It-Tlieta, 9 ta' Lulju , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**ASSENTI:**

Ħadd

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**02.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**02.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku spjega kif il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ikunu intbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem permezz ta' email, sabiex dawn ikunu jistgħu jarawhom, u anke jibgħatu korrezzjonijiet bil-quddiem. Dan kollu sabiex nassiguraw aktar effiċjenza waqt il-laqgħa uffiċjali. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proċedura. Il-Minuti tal-ewwel (1) laqgħa tat-2, ta' Lulju 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**02.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti, u Informazzjoni dwar is-Sitwazzjoni Finanzjarja.**

Is-Sindku beda din il-parti tal-laqgħa bi spjegazzjoni dettaljata ħafna tal-proċess li bih timtela' l-iskeda l-griża (li tinkludi kontijiet li daħlu qabel il-laqgħa) sabiex din tiġi diskussa u allura jkunu jistgħu jibdew jitħallsu. Huwa spjega wkoll kif taħdem l-iskeda s-safra li hija dik uffiċjali li imbgħad tiġi iffirmata fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku spjega liema huma t-tip ta' kontijiet li jiżdiedu ma' din tal-aħħar u anke spjega d-differenzi bejn Direct Order, Kwotazzjoni u Tender. Kien hemm diversi mistoqsijiet li ġew imwieġba.

Is-Sindku imbagħad spjega wkoll il-qagħda finanzjarja, minn fejn tlaqna erba' snin ilu, u fejn qegħdin illum, kif ħadem il-kunsill ta' qabel biex isaħħaħ il-qagħda finanzjarja, u kif se nimxu minn hawn il-quddiem. Kien hemm qbil unanimu li għalissa ma jsir l-ebda proġett kapitali sinjifikanti li jitfa' piż fuq il-Kunsill sakemm ma ikunx hemm finanzjament minn terzi partijiet. Il-Viċi Sindku ħa l-okkażżjoni sabiex ifaħħar lis-Sindku li ħadem bla heda fuq dan il-qasam.

Is-Sindku spjega wkoll kif jaħdem il-Budget tal-Kunsill Lokali, u kif nircievuh minn naħa tal-Gvern Ċentrali, x'inhuma l-akbar spejjeż tal-Kunsill Lokali matul is-sena, u kif naraw li nżommu qagħda sostenibbli. Huwa informa li fil-laqgħa li jmiss ser jiġi diskuss il-Quarterly Report li jmiss mal-Accountant u anke ta' spjegazzjoni tal-qagħda fil-kontijiet tal-bank tal-Kunsill.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi u l-proċeduri.

**02.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera, Mozzjonijiet.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**02.4.1.** Rampa u Sement fi Triq Isqof Buttigieg – ser issir fil-ġranet li ġejjin.

**02.4.2.** Rampa fi Triq Xjuf ir-Riħ – lesta.

**02.4.3.** Madum fi Triq Buskett – ser isir minn sid il-proprjeta'.

**02.4.4.** Qtugħ ħaxix Vnuta u Passaġġ Binġemma – ser isiru minn Chris Cardona fil-ġranet li ġejjin.

**02.4.5.** Lawn Mowing Monument FECC – lest.

**02.4.6.** Gutter fi Triq it-Tiġrija – dan kien ilu li sar qabel l-elezzjoni.

**02.4.7.** Patching fi Triq San Koronatu – lest.

**02.4.8.** Fence wara il-Monument FECC – ser issir site visit mal-artist.

**02.4.9.** Fossa Latrina Gnien Kunsill – Joe Paul Vella mar jara u ssuġġerixxa fossa fuq barra sabiex ma ssirx ħsara. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**02.4.10.** Stat Triq Torri Kenuna – Is-Sindku u Joseph Vella tkellmu mal-Ministru u ser tinstab soluzzjoni long-term. Jean Paul Portelli issuġġerixxa li jitwaħħlu xi tabelli biex in-nies joqogħdu attenti. Kien hemm qbil dwar dan.

**02.4.11.** Youth Meeting Hepstedt – ġew ikkonfermati Josef Camilleri, Joseph Vella, Jean Paul Portelli u Matthias Mercieca.

**02.4.12.** Nadur Nadif – laqgħa ser tinżamm is-Sibt 13 ta' Jannar fis-2.00pm u ser jattendi Jean Paul Portelli.

**02.4.13.** Summer Courses – għal dan is-sajf ser jinżammu dawk tal-bizzilla u mosaic.

**02.4.14.** Żanżan Kelma – is-Sindku spjega dwar din l-attivita u anke l-fatt li diġa applikaw diversi tfal.

***Joseph Vella ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**02.4.15.** Huwa ltaqa' ma' Maria Attard il-Librara sabiex jevalwaw ftit xi ideat għall-applikazzjoni tal-iskema tal-iżvilupp tal-libreriji. Joseph Vella ppreżenta numru ta' ideat quddiem il-Kunsill, dawn ġew diskussi, u ġie deċiż li issa jiltaqa' ma' Daniel Meilak sabiex flimkien miegħu timtela' l-applikazzjoni.

***Jean Paul Portelli ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**02.4.16.** Rigward l-applikazzjoni għall-iskema relatata ma' Animal Welfare, Jean Paul Portelli tkellem mal-esperta, pero huwa spjega lil Kunsill id-diffikultajiet relatati man-nuqqas ta' edukazzjoni f'dan il-qasam, il-manutenzjoni u nies involuti sabiex napplikaw għal tali skema, u affarijiet oħra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**02.5. Korrispondenza.**

| Numru | Dettalji |
|---|---|
| 6315 | Direttiva numru 1/2019- Ħatra ta' Viċi Sindku –Kunsillier bejn is-16 u t-18-il sena |
| 6316 | Invitation to attend the meeting-SUPPORT |
| 6317 | Launch of the Pre-defined Project and training session on good governance |
| 6318 | Cirk AKL 2019/61- Homeless pizza and pasta lunch |
| 6319 | Cirk AKL 2019/062- Single use plastic products strategy for malta 2020-2030 |
| 6320 | Cirkulari numru 11/2019- Riforma Gvern Lokali – Pubblikazzjoni ta' A.L. tal-2019 |
| 6321 | Cirk AKL 2019/067- Gbir ta' informazzjoni – Hrug ta' permessi |
| 6322 | Cirk AKL 2019/058- Gbir ta' informazzjoni fuq membri tal-Kunsill |
| 6323 | Skema fuq Annimal Welfare Fund ***– din ġiet diskussa aktar qabel.*** |
| 6324 | Cirk AKL 2019/051- Inizjattiva MCCF 2019 |
| 6325 | Cirk 10/2019-Devulazzjoni Lokali- memo 25/199 |

| | |
|---|---|
| 6326 | Young elected politicians specific programme during the European Week of Regions and cities |
| 6327 | Direttiva nr. 2/2019- Revoka ta' Direttiva nr 1/2019 |
| 6328 | Ċirkulari Numru 12/2019 - Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri |
| 6329 | Ċirkulari Numru 13/2019 - Permessi għal depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju |
| 6330 | Seminar għall-Kunsilli Lokali Għawdxin nhar is-Sibt 13 ta' Lulju 2019 |
| 6331 | SPI/SCI/11/2019 - Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Lifelong Learning) |
| 6332 | Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensja |
| 6333 | European Week for Waste Reduction ***– Is-Sindku talab lil Jean Paul Portelli sabiex jiddiskutuha waqt il-laqgħa ta' Nadur Nadif.*** |

- **Email mingħand Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar PINK October 2019 Campaign** – Is-Sindku talab lil Kunsilliera jissuġġerixxu post fejn nixegħlu, u fuq suġġeriment ta' Eucharist Camilleri kien hemm qbil unanimu li jinxtgħel is-Salib tal-Pjazza.

- **Email mingħand AKL dwar Malta Pride Initiative 2019** – Is-Sindku issuġġerixxa li nieħdu sehem u niżbħu bank minn ta' Ġnien il-Kunsill bil-kuluri tal-Malta Pride. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan.

### 02.6. Twaqqif ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti Pubbliċi, u Żviluppi dwar Offerti Pubbliċi.

Is-Sindku issuġġerixxa li naħtru lil Paul Mercieca, Raymond Vella, Joe Chircop, Sue-Ellen Bugeja u William Sultana fil-Bord ta' Evalwazzjoni, b'dawn is-sostituti – Ines Buttigieg, Dr. Rita Mifsud, Edward Scerri, Michelle Camilleri, Renzo Curmi, Mario Galea. Kien hemm qbil unanimu dwar dawn kollha.

Is-Sindku informa wkoll lil Kunsilliera li l-kwotazzjonijiet tal-Wine Festival (dawl u sound) u l-kwotazzjoni tal-Knis tal-area tax-Xagħri u Kenuna ser jgħalqu fit-22 ta' Lulju, u imbagħad jiltaqa' l-Bord sabiex jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lil Kunsill Lokali.

**02.7. Żviluppi dwar Wine Festival 2019.**

Hawnhekk inqraw l-ittri ta' dawk l-għaqdiet li huma interessati sabiex jieħdu wieħed miż-żewġ bars fil-Wine Festival. Għaqda Diċembru 13, Għaqda Triq il-Knisja, Għaqda Żgħażagħ Mnarja kienu dawk interessati minn fost l-għaqdiet tal-festa, u Nadur Youngsters FC dawk interessati minn fost is-soċjetajiet. Għaldaqstant, filwaqt li Nadur Youngsters ingħataw bar awtomatikament, bix-xorti imbagħad telgħu Għaqda Armar Triq il-Knisja għal bar l-ieħor.

Is-Sindku ħa l-opportunita wkoll sabiex ifakkar lil Kunsilliera dwar minn ser jieħu sehem waqt il-programm mużikali fit-tlett ijiem tal-Wine Festival. Dawn jinkludu lil Rebecca Bonello, Jolene Samhan, Upper Lip, Strait Ahead, Big Band Brothers, Grovestreet, D Capitals, J Anvil, Pierre Cordina u Ronald Briffa.

**02.8. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

Rigward il-Miżura 4.3 tat-Toroq Rurali, is-Sindku informa li peress li għad fadal xi flus li ma ntużawx, grazzi għal savings li kien hemm, talab approvazzjoni sabiex issir applikazzjoni għal tkompliha ta' Triq Xurdin (area ta' Vnuta), Triq Inżul il-Franċiżi (area tal-Għar tal-Mixta), u parti minn Triq Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**02.9. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**02.9.1.** Sindku – Siġra li qed taqa' fi Triq il-Qala biex napplikaw mal-ERA – qbil unanimu.

**02.9.2.** Sindku – Rampa tal-injam minflok tas-sement fi Triq Lazzru Pisani għall-aċċessibilita – qbil unanimu.

**02.9.3.** Sindku – Rampa tal-irħam mal-għatba tal-HSBC fil-pjazza kif mitluba mill-KNPD – qbil unanimu.

**02.9.4.** Josef Camilleri – Bankina biex issir bil-madum fi Triq Sant Indrija c/w Triq Zernieq – qbil unanimu li tidħol fil-lista.

**02.9.5.** Viċi- Sindku – Jitkompla xi xogħol li fadal fuq ħajt fi Triq Buskett – is-Sindku informa li dan diġa sar pero ser jiċċekja x'fadal isir.

**02.9.6.** Viċi- Sindku – isir sement fir-rampa f'passaġġ fi Triq ir-Rabat – qbil unanimu.

**02.9.7.** Viċi- Sindku – re-paint ta' Yellow Lines fi Triq Buskett – qbil unanimu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**02.9.8.** Viċi- Sindku – yellow lines jinbidlu f'single yellow lines fi Triq ta' Said – qbil unanimu li nikkjarifikaw ma' TM qabel.

**02.9.9.** Viċi- Sindku – Kurduna għall-bankina ġdida fi Triq Ħida – intalab jiċċekja jekk hux kurduna biss u min ser jagħmel ix-xogħol.

**02.9.10.** Viċi- Sindku – Talab lis-Sindku jikkunsidra jekk issirx ħarġa għall-anzjani f'Kemmuna f'Awissu – kien hemm qbil unanimu li ssir fis-6 t'Awissu għall-prezz ta' €15.

**02.9.11.** Jean Paul Portelli – Qtugħ ta' ħaxix fl-irdum tar-Ramla – Is-Sindku talbu jispeċifika fejn eżatt sabiex isir.

**02.9.12.** Jean Paul Portelli – Staqsa dwar il-possibilita ta' bus shelter fil-pjazza. Is-Sindku spjega dwar il-problemi nvoluti pero kien hemm qbil li għandna naraw li fiż-żmien li ġej issir xi tip ta' bus shelter fil-pjazza.

**02.9.13.** Jean Paul Portelli – Staqsa dwar l-użu tal-ġibjun tal-Pjazza. Kien hemm qbil li nerġgħu niċċekjaw dwar dan u jibda jintuża għat-tisqija.

**02.9.14.** Jean Paul Portelli – Talab li naraw x'jista jsir fi Triq Cocco Palmeri fejn tidjieq peress li xorta qed jgħaddu t-trakkijiet u jkissru l-bankini. Is-Sindku ser jara x'jista' jsir.

**02.9.15**. Jean Paul Portelli – Talab li issir aktar pressjoni dwar Triq l-Imġarr u Triq ta' Kenuna. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, ser nagħmlu appuntament mal-Ministru għal Għawdex.

**02.9.16.** Jean Paul Portelli – Rigward il-belvedere ta' Cocco Palmeri talab biex jitranġa wieħed mill-outdoor gym, jitranġaw xi mats, isiru bins akbar, jeħlu tabelli tal-klieb, u titranġa bozza maħruqa. Is-Sindku ser jara li jsir dan ix-xogħol.

**02.9.17.** Joseph Vella – Rigward il-bajja ta' San Blas, huwa talab li jitneħħa terrapien li qed jinġabar minn isfel, isiru xi barriers fejn qed isir ix-xogħol, teħel tabella tas-sigurta, u anke jsiru l-mobile toilets. Is-Sindku ser jara li jsir dan ix-xogħol.

**02.9.18.** Joseph Vella – Huwa talab li ninkludu dettalji dwar l-irwoli tal-Kunsilliera Lokali f'pubblikazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku ser jara li dawn jiġu nkluż fil-pubblikazzjoni li jmiss.

**02.9.19.** Joseph Vella – Talab għal double yellow line fuq ġenb ta' garage fi Triq il-Madonna ta' Lourdes – qbil unanimu u ser napplikaw ma TM.

**02.9.20.** Joseph Vella – Talab sabiex tinqala' siġra fi Triq Ġuże Ellul Mercer – Is-Sindku spjega li din diġa jaf biha, u s-siġra ma hiex ta' periklu, u jekk tinqala' dik ikollna naqalgħu sitta oħra ta' ħdejha. Joseph Vella talab li allura tal-inqas inżommuha f'moħħna.

**02.9.21.** Joseph Vella – Talab għal tindif mill-ħaxix ħażin fi sqaq fi Triq Madre Ġemma Camilleri - qbil unanimu.

**02.9.22.** Joseph Vella – Talab għal re-paint tal-yellow lines ta' Triq Duru kollha – qbil unanimu.

**02.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 5 ta' Awissu, 2019 fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva